MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 895/2010

Bank of Valletta p.l.c.
vs
1. Island Promotions Limited u
2. Raymond u Catherine mizzewgin Galea

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. u konfermat bil-gurament minn Romuald Attard, li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntrati fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani datati, wiehed minnhom 17 ta' Dicembru 2004 (Dok A) u iehor datat 6 ta' Ottubru 2006 (Dok B), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` Island Promotions Limited;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta` Island Promotions Limited fis-somma ta' mitejn u sebgha u

tmenin elf, disa’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€287,922.27) bilanc ghad-debitu fl-“*Overdraft Account*” tas-socjeta` Island Promotions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok C1 sa C5) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-13 ta’ Awissu 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani datati, wiehed minnhom 17 ta’ Dicembru 2004 (Dok A) u iehor datat 6 ta’ Ottubru 2006 (Dok B), u permezz ta’ skrittura privata datata 3 ta’ Lulju 2006 (Dok D), il-konvenuti Raymond u Catherine mizzewgin Galea ggarantew flimkien u “*in solidum*” mas-socjeta` Island Promotions Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess socjeta` Island Promotions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 5 ta’ Frar 2010 li kopja taghhom giet esebita mar-rikors guramentat u mmarkati bhala Dok E u F, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti biex wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni:

(i) Tikkundanna lis-socjeta` Island Promotions Limited u lil Raymond u Catherine mizzewgin Galea jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u sebgha u tmenin elf, disa’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€287,922.27) bilanc ghad-debitu fl-*Overdraft Account* tas-socjeta` Island Promotions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok C1 sa C5) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-13 ta’ Awissu 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta’ flus dovuti mill-konvenuti Raymond u Catherine mizzewgin Galea lis-

socjeta` attrici li ghalihom is-socjeta` attrici tirriserva li tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 5 ta' Frar 2010 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehdet Dr. Lilian Cremona, *Litigation Officer* mal-Bank of Valletta u u qalet li minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat ma saru ebda hlasijiet u ebda tibdiliet fil-kaz odjern.

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma ipprezentawx risposta guramentata u ghalhekk baqghu kontumaci, u ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fil-kontumacja ta' l-intimati t-talba tal-bank rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li tilqaghha, qed tikkundanna lis-socjeta` Island Promotions Limited u lil Raymond u Catherine mizzewgin Galea jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €287,922.27 bilanc ghad-debitu fl-*Overdraft Account* tas-socjeta` Island Promotions Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-13 ta' Awissu 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Dan minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta' flus dovuti mill-intimati Raymond u Catherine mizzewgin Galea lis-socjeta` rikorrenti li ghalihom is-socjeta` rikorrenti tirriserva li tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 5 ta' Frar 2010 kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------